MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru 11/2004

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs**
Denis Pandolfino
Anthony Pandolfino

Il-Qorti,

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 11 tas-sena 2004, kif emendat, kontra l-akkuzati Denis Pandolfino w Anthony Pandolfino, li bih huma gew akkuzati talli :**

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Denis Pandolfino fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel go Tas-Sliema, Pembroke u San Giljan, kien jilqa' ghandu diversi tfal u ghal xi zmien jiehu hsieb il-minuri Omissis (1) li twieled fid-19 ta' April, 1991 u lil Omissis (2) li twieled fl-10 ta' Gunju, 1992, peress illi dawn gew fdati lilu minn ommhom minhabba c-cirkostanzi

personali taghha. Illi Denis Pandolfino ddecieda li jibda’ jkollu kongungiment karnali mal-imsemmija tfal minuri kontra l-volonta' taghhom.

Illi in ezekuzzjoni tar-risoluzzjoni tieghu,bi vjolenza kellu kongungiment karnali ma' l-istess minuri kontra l-volonta' taghhom billi dahhal il-parti privata tieghu fil-parti privata taghhom. Bl-istess risoluzzjoni dan gie repetut diversi drabi.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Denis Pandolfino sar hati talli bi vjolenza kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor b'dan li r-reat sar b’diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi izda li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Denis Pandolfino hati talli bil-vjolenza kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor u b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tliet snin sa ghaxar snin skond l-artikoli 198, 18, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza w cioe' fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel, Denis Pandolfino, f’ tas-Sliema, Pembroke u San Giljan, kellu kongungiment karnali mal-minuri Omissis (1) u Omissis (2). Illi inoltre hu kien joqghod imissilhom l-partijiet privati taghhom, jurihom films pornografici w jaghmel agir iehor indecenti fil-presenza taghhom. Illi hu kien inkarigat minn omm l-istess tfal li jiehu hsiebhom u dan stante c-cirkostanzi personali ta' l-istess omm u b'abbuz sfaccjat tad-dmirijiet tieghu repetutament.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Denis Pandolfino sar hati talli b' eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor b'dan li d-delitt sar minn Denis Pandolfino imqar jekk l-minuri gew fdati lilu ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebhom, jedukhom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax il-sena w b' dan ukoll li r-reat sar b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b' risoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Denis Pandolfino hati talli b' eghmil zieni kkorrompa persuna ta'  taht  l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b' dan li d-delitt sar minn Denis Pandolfino mqar jekk il-minuri gew fdati lilu ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebhom, jedukhom, jghallimhom, jindukrahom jew izzommhom, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax il-sena u b'dan ukoll li r-reat sar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannt ghall-piena ta' prigunerija minn sentejn sa ghaxar snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 203 (1) proviso (c), 18  u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fil-Kapi tal-Att tal-Akkuza precedenti w cioe' fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel Denis Pandolfino, tas-Sliema, Pembroke u San Giljan ghamel stupru w korruzzjoni ta' minuri.  Illi inoltre biex lahaq l-iskop tieghu, hu zamm lil Omissis (1) u Omissis (2) milli johorgu mill-post li kienu ikunu billi qafilhom gewwa, mmobilizzhom u ssekwestrahom.

Illi b' eghmilu l-imsemmi Denis Pandolfino sar hati ta' arrest,  detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi aggravat u cioe' talli bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti w

barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra persnua kontra l-volonta' taghha jew ta l-post biex fih dina l-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, b' dan illi d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Denis Pandolfino ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi aggravat u cioe' talli, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra milli kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew ssekwestra persuna kontra l-volonta' taghha, jew ta il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, b' dan illi d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toghqod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa tlett snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87 (g) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap illi Anthony Pandolfino fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel go Tas-Sliema, Pembroke u San Giljan kien jilqa' ghandu diversi tfal u ghal xi zmien jiehu hsieb il-minuri Omissis (1) li twieled fid-19 ta' April, 1991 u lil Omissis (2) li twieled fl-10 ta' Gunju, 1992, peress illi dawn gew fdati lilu minn ommhom minhabba c-cirkostanzi personali taghha. Illi Anthony Pandolfino ddecieda li jibda’ jkollu kongungiment karnali ma l-imsemmija tfal minuri, partikolarment Omissis (1), kontra l-volonta' taghhom.

Illi in ezekuzzjoni tar-risoluzzjoni tieghu, bi vjolenza kellu kongungiment karnali ma' l-istess minuri, partikolarment Omissis (1), kontra l-volonta' taghhom billi dahhal il-parti privata tieghu fil-parti privata taghhom. Bl-istess risoluzzjoni dan gie repetut diversi drabi.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Anthony Pandolfino sar hati talli bi vjolenza kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor b' dan li r-reat sar b'diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi izda li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil-imsemmi Anthony Pandolfino hati talli bi vjolenza kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor u b'dan li r-reat sar b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tliet snin sa ghaxar snin skond l-artikoli 198, 18, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

5) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fir-raba Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza w cioe' fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel Anthony Pandolfino, f' tas-Sliema, Pembroke u San Giljan, kellu kongungiment karnali mal-minuri Omissis (1) u tfal ohra. Illi in oltre hu kien joqghod imissilhom l-partijiet privati taghhom, jurihom films pornografici w jaghmel agir iehor indecenti fil-presenza taghhom. Illi hu kien inkarigat minn omm l-istess tfal li jiehu hsiebhom u dan stante c-cirkostanzi personali ta' l-istess omm u b' abbuz sfacciat tad-dmirijiet tieghu repetutament.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Anthony Pandolfino sar hati talli b'eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor b' dan li d-delitt sar minn Anthony Pandolfino imqar jekk l-minuri gew fdati lilu ghal xi zmien biex jiehu hsiebhom, jedukhom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax il-sena u b' dan ukoll li r-reat sar b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b' risoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Anthony Pandolfino hati talli b' eghmil zieni kkorrompa persuna ta' taht  l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor b' dan li d-delitt sar minn Anthony Pandolfino imqar jekk il-minuri gew fdati lilu ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebhom,  jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izzommhom, bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax il-sena u b' dan ukoll li r-reat sar b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannt ghall-piena ta' prigunerija minn sentejn sa ghaxar snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 203 (1) proviso (c),18 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

6) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fil-Kapi tal-Akkuza precedenti w cioe' fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel Anthony Pandolfino, tas-Sliema, Pembroke u San Giljan, ghamel stupru w korruzzjoni ta' minuri.  Illi inoltre biex lahaq l-iskop tieghu hu zamm lil Omissis (1) u ohrajn milli johorgu mill-post li kienu ikunu billi qafilhom gewwa, mmobilizzhom u ssekwestrahom.

Illi b' eghmilu l-imsemmi Anthony Pandolfino sar hati ta' arrest detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi aggravat u cioe' talli bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra persnua kontra l-volonta' taghha jew ta l-post biex fih dina l-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, b' dan illi d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Anthony Pandolfino ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi aggravat u cioe' talli, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti w barra milli kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra persuna kontra l-volonta' taghha jew ta l-post biex fih din l-persuna tigi arrestata, mizmuma jew ssekwestrata b' dan illi d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toghqod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa tlett snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87 (g) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

7) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba’ Kap illi taht ic-cirkostanzi indikati fil-Kapi precedenti ta’ dan l-Att ta’ Akkuza w partikolarment fid-disa' w ghoxrin (29) ta' Novembru ta' l-elfejn u tnejn (2002) u fix-xhur ta' qabel, f'Malta, Dennis Pandolfino w Anthony Pandolfino, li huma cittadini Maltin u residenti permanenti Malta, gibdu llegalment diversi ritratti w films, inkluz fuq compjuter, indecenti tal-minuri Omissis (1) u Omissis (2) u tfal taht l-eta' ohra. Illi fost dawn ir-ritratti kien hemm pozi ta' tfal gharwenin u f' qaghda estremament indicenti.

Illi b' eghmilhom l-imsemmija Dennis Pandolfino u Anthony Pandolfino saru hatja talli bhala cittadini jew residenti permanenti ta' Malta, sew jekk f' Malta jew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, gibdu jew ippermettew li jingibdu xi ritratti, films, video recording jew xbieha elettronika indicenti ta' persuna ta' taht l-eta, jew qassmu jew urew ritratti, films, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellhom fil-pussess taghhom, ritratti, films, video recordings jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Dennis Pandolfino w Anthony Pandolfino hatja li gibdu jew ippermettew li jingibdu xi ritratti, films, video recording jew xhieha elettronika indecenti ta' persuni ta' taht l-eta' jew qassmu jew urew ritratti, films, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn, jew kollhom fil-pussess taghhom ritratti, films, video recording jew xhieha elettronika indecenti bhal dawn;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu ikkundanati ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn (LM 200) lira jew prigunerija w multa flimkien skond l-artikolu 208 A (1) tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmija akkuzati.

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat is-sentenza taghha tad-19 ta' Mejju, 2005, fejn iddisponiet mill-**
**eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkuzati.**

**Rat illi fis-seduta tat-3 t' Ottubru, 2006, l-akkuzati wiegbu li ma humiex hatja**
**tal-akkuzi dedotti fl-Att ta' l-Akkuza, kif emendat u ddikjaraw li l-kawza setghet**
**tibda' tinstema' dak in-nhar u rrinunzjaw ghal kull terminu ;**

**Rat id-diversi verbali registrati fil-kors tas-smiegh tal-kawza li bihom il-**
**prosekuzzjoni w d-difiza qablu li ghandhom jirregolaw is-smiegh ta' provi gja**
**registrati quddiem il-Qorti Istruttorja u dana biex tigi evitata ripetizzjoni inutili.**

**Rat Id-Digriet Taghha tat-3 t' Ottubru, 2006, li bih gie regolat is-smiegh *viva***

***voce* tal-kontroezami w ri-ezami taz-zewg xhieda minuri involuti fil-kaz .**

**Rat id-Digrieti l-ohra kollha taghha li bihom irregolat il-gbir tal-provi u l-ammissibilita' ta' provi f' dan il-process, kif ukoll l-ezami tal-esebiti mill-Qorti wahedha jekk ikun hemm bzonn.**

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza kompriza dik tal-akkuzat
**Denis Pandolfino minn jeddu.**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri Dottor Joseph Mifsud ghall-akkuzat**
**Denis Pandolfino u Dottor Joseph Giglio ghall-akkuzat Anthony Pandolfino.**

**Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-9 t' Ottubru, 2006 li biha esebixxa kopja elettronika tad-*debates* parlamentari li saru biex jemendaw il-Kodici Kriminali bl-Att III tal-2002 li jinkludu l-artikolu 208 A u l-partijiet *highlighted* rilevanti, kif awtorizzat li jaghmel minn din il-Qorti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-linji difensjonali tal-akkuzati jinvolvu kemm kwistjonijiet ta' apprezzament**
**tal-fatti w kredibilita' tax-xhieda, kif ukoll punti prettament ta' dritt. Illi qabel ma**
**l-Qorti tghaddi biex tezamina r-rizultanzi u l-kwistjonijiet ta' fatt, jidher opportun li f' dan l-istadju tiddisponi mill-eccezzjonijiet bazati unikament fuq punti ta' dritt jew ta' interpretazzjoni tal-ligi.**

***********

Eccezzjonijiet ta' natura legali.

**Dawn il-kwistjonijiet li jolqtu liz-zewg akkuzati jew lil xi wiehed minnhom**
**partikolari huma s-segwenti :-**

**1. li l-proceduri penali kontra l-akkuzati, ghar-rigward tal-ewwel u t-tieni kapi tal-att ta' l-akkuza kontra l-akkuzat Denis Pandolfino u ghar-rigward tar-raba u l-hames kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza kontra Anthony Pandolfino, ma gewx preceduti minn kwerela kif titlob il-ligi.**

**2. li ghar-rigward tas-seba' kap ta' l-Att ta' l-Akkuza kontra z-zewg akkuzati**

**l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-artikolu 208A tal-Kodici Kriminali trid tkun wahda li r-reat ta' turija ta' ritratti films, video recordings jew xbieha elettronika indecenti jew ta' pussess tal-istess, irid ikun jirriferi ghall-materjali simili li jkunu gibed jew gie permess li jingibed minn min juri jew minn min ikun qed jippossjedi tali materjal stess.**

**3. li ma jkunx hemm <u>pussess</u> ta' tali material indecenti , jekk ikun gie *"deleted"* minn fuq il-computer, ghalkemm ikun possibbli li dan jigi *"retreived"* b' xi programm specjali minn haddiehor, u dan riferibbilment ghall-kaz ta' Denis Pandoilfino.**

<u>L-Ewwel Eccezzjoni .</u>

**Iz-zewg akkuzati per mezz tad-difensuri taghhom eccepew illi ma saritx kwerela w konsegwentement l-azzjoni kriminali fil-kaz tal-Ewwel, It-Tieni, ir-Raba' u l-Hames Kapi tal-Att ta' l-Akkuza ma kienetx prosegwibbli mill-Pulizija *"ex officio".* Dawn huma l-akkuzi ta' stupru vjolent u ta' korruzzjoni tal-minorenni dedotti kontra z-zewg akkuzati rispettivament.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi skond l-artikolu 544 ma jistghux isiru proceduri kriminali hlief fuq talba tal-parti privata fil-kaz ta' (a) stupru vjolent. Bl-istess mod, ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali, skond is-subinciz (3) jinhtieg il-kwerela tal-**

**parti offiza biex jittiehed procediment dwaru. Pero' fit-tieni proviso tal-istess subinciz jinghid li l-procediment jista' jitmexxa *"ex officio"* fil-kazijiet imsemmija fil-proviso tal-artikolu 544 .**

**Issa l-proviso tal-artikolu 544, kif kien qabel ma gie emendat bl-Att XX u l-Att XXII tas-sena 2005, (u kif fil-parti tieghu rilevanti ghadu sal-lum) jghid li meta xi wiehed mid-delitti fih imsemmija jsir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku , l-azzjoni kriminali titmexxa ndipendentement mill-azzjoni tal-parti privata.**

**Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza** "Il-Pulizija vs. George Zarb" **[17.2.1997] :-**

*" Ghalkemm l-azzjoni ghar-reat kontemplat fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali titmexxa dejjem mill-awtorita' pubblika, tali azzjoni tinhtieg il-kwerela tal-parti . Ghal din ir-regola hemm xi eccezzjonijiet, fosthom "fil-kazijiet imsemmijin fil-proviso tal-artikolu 544". Il-proviso tal-artikolu 544 applikat ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, jipprovdi li meta d-delitt "isir bi vjolenza pubblika , jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku , l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata".*

**Il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet li *"r-reat ta' istanza privata huwa "akkompanjat" minn iehor ta' azzjoni pubblika meta jew iz-zewg reati jkunu konkorrenti , billi wiehed ikun serva ta' mezz ghall-iehor jew il-fatt kriminuz ikun jivvjola "unico contextu" zewg dispozizzjonijiet tal-ligi kriminali , b'mod li jitnisslu minnu zewg titoli ta' reati"* (ara. "**Il-Pulizija vs. Karmenu Cassar "**[21.4.1945] (Kollez. XXXII. iv. p.895, per Harding J,)**

**Ghalhekk wiehed irid jara jekk dawn iz-zewg reati gewx akkumpanjati minn xi reat ta' ordni pubbliku. Ma hemmx dubju li kieku kellu jirrizulta r-reat ta' sekwestru tal-persuna fil-konfront ta' kull wiehed mill-akkuzati, dan ikun bizzejjed biex jiskatta d-dispozittiv tal-proviso tal-artikolu 544 (ara "**Il-Pulizija vs. George

Zarb" **fuq citata). Izda hija l-fehma ta' din il-Qorti li r-reat kontemplat fl-artikolu l-gdid 208 A tal-Kodici Kriminali w cioe' dak ta' wiri, tqassim jew pussess ta' ritratti indecenti ta' persuni ta' taht l-eta', dedott fis-seba' kap, huwa ukoll reat li jolqot l-ordni pubbliku li ghalih ma hemmx bzonn il-kwerela tal-parti, w, jekk jirrizulta li r-reati ta' stupru vjolent u korruzzjoni tal-minorenni jew xi wiehed minnhom kienu akkompanjati minn dan ir-reat, allura l-azzjoni tkun ukoll prosegwibbli *ex officio* minghajr il-htiega tal-kwerela.**

**Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, hemm raguni ohra li tinnewtralizza din l-eccezzjoni tan-nuqqas tal-kwerela w din tohrog mid-dispozizzjoni tal-proviso ghall-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali Dan il-proviso jghid li :-**

***"Izda, meta r-reat li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela ta' l-offiz, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku , jew meta , bla ma jkun hemm ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi, l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali, u ma jkunx irrinunzja espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat."*** **(sottolinear ta' din il-Qorti).**

**Issa huwa minnu li f' dan il-kaz ma jirrizultax li saret kwerela mill-minuri jew ahjar minn dawk il-persuni li skond l-artikolu 542 setghu jaghmlu kwerela f' isimhom, li f' dan il-kaz kienu zgur omm il-minuri, (ghax il-missier kien assenti meta gie skopert ir-reat), f' certu zmien, u wara l-Ministru ghall-Ghajnuna Socjali li f' ismu l-ewwel inharget Ordni tal-Harsien Temporanja fid-29 ta' Novembru, 2002 u wara fid-19 ta' Dicembru, 2002, inharget Ordni ghall-Harsien definittiv. Pero' wara li gie skopert x' kien qed jigri, la omm il-minuri w lanqas il-Ministru ghall-Politika Socjali ma rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali. Ghal kuntrarju l-omm, meta xehdet quddiem din il-Qorti f'**

**eghluq il-kaz tal-prosekuzzjoni, fuq domanda tal-Qorti, nsistiet li jitkomplew il-proceduri. Il-Ministru tal-Politika Socjali mill-banda l-ohra mhux biss ma rrinunzjax izda wera mhux biss l-interess tieghu li l-kaz jigi prosegwit, izda addirittura talab li dan il-kaz jinstema' bl-urgenza w jinghata precedenza fuq kawzi ohra li kellha pendenti quddiemha din il-Qorti. (ara rikors tal-Ministru tas-7 ta' Settembru, 2004 fl-atti processwali).**

**Ghalhekk taht kull aspett, f' dan il-kaz il-proceduri kriminali kontra l-akkuzati fuq l-erba Kapi tal-att ta' l-akkuza fuq imsemmija jistghu jitmexxew il quddiem skond ma jipprovdu l-proviso tal-art. 373 u l-proviso tal-art. 544 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni legali taz-zewg akkuzati hija infondata w qed tigi respinta.**

<u>It-Tieni Eccezzjoni.</u>

**Illi ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni legali tad-difiza taz-zewg akkuzati li tolqot is-seba' kap tal-att ta' l-akkuza w li tirrigwarda l-interptretazzjoni tal-artikolu 208 A tal-Kap.9, introdott ghall-ewwel darba fil-ligi nostrana bl-Att III tas-sena 2002, d-difiza qed tissottometti li l-interpretazzjoni legali li ghandha tinghata lil dan l-artikolu hi li mhux kull pussess jew dimostrazzjoni ta' materjal ndecenti ta' persuni ta' taht l-eta' hu reat imma biss wiri ta' jew pussess ta' materjal li jkun ingibed jew li l-hati jkun ta' permess li jingibed minnu stess.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-imsemmi artikolu 208A (1) jiddisponi testwalment hekk :-**

***"Kull cittadin jew residenti permanenti ta' Malta, sew jekk f' Malta, kif ukoll kull persuna f' Malta, li jigbdu jew jippermettu li jingibed xi ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti ta' persuna ta' taht l-eta', jew iqassmu jew juru ritratt, film, video***

***recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew ikollhom fil-pussess taghhom ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn , jehlu ….”***
**u**

**(2)** ***“Ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika, jekk dawn ikunu juru persuna ta’ taht l-eta’ u jkunu indicenti, ghandhom, ghall-finijiet kollha ta’ dan l-artikolu, jigu trattati bhala ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti.”***

**Illi jidher car li fis-subartikolu (1) l-ligi tippostula tlitt modi kif jista’ jigi kommess dar-reat :- jew (i) billi wiehed jigbed jew jippermetti li jingibed ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti ta’ persuna ta’ taht l-eta’ jew (ii) billi wiehed iqassam jew juri tali materjal, jew (iii) billi wiehed ikun fil-pussess tal-istess materjal.**

**Illi d-difiza taz-zewg akkuzati qed targumenta, pero’ li t-tieni zewg ipotesijiet huma marbuta mall-gbid mill-hati jew mall-gbid bil-permess tal-hati tal-materjal involut. Jissottomettu li l-kliem** *“bhal dawn”* **(“*such*” fit-test Ingliz) uzat darbtejn fit-tieni w fit-tielet ipotesi jikkwalifika l-espressjoni *“li jigbdu jew jippermettu li jingibed”* u mhux il-kliem “*ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika “* biss.**

**Din il-Qorti ma tistax taqbel ma din l-interpretazzjoni moghtija mid-difiza w tara li dan l-artikolu ghandu jigi interpretat b’ mod li jkun hemm reat sija jekk dan ikun jikkonsisti fil-gbid minn jew gbid bil-permess tal-hati tal-materjal in kwistjoni, sija jekk il-hati jkun qassam jew wera tali matertjal, ikun gibdu min gibdu, w sija jekk ikollu l-pussess tal-istess materjal, ikun gibdu minn gibdu. Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ghan tal-legislatur kien li jikkolpixxi kull forma ta’ attivita’ li tolqot il-pornografija ta’ persuni ta’ taht l-eta’ u mhux biss ta’ dawk li jipproducu din it-tip ta’ pornografija w dan bil-ghan li tipprotegi kemm jista’ jkun persuni vulnerabbli. Kieku kellha treggi l-interpretazzjoni li trid**

**li tinghata d-difiza, jkun punibbli biss dak li jsir minn min jipproduci din it-tip ta' pornografija. Mentri l-ligi trid li tistronka ghal kollox din l-attivita' b' mod li la tkun tista' titqassam tali pornografija w addirittura lanqas ma tista' tkun fil-pussess ta' hadd, indipendentement minn min ikun ipproduciha. Dana b' distinzjoni ma tipi ta' pornografija li ma tkunx tinvolvi persuna ta' taht l-eta' fejn il-pussess ghall-uzu personali mhux reat skond l-art. 208 tal-Kodici Kriminali.**

**Illi mill-ezami tad-Dibattiti Parlamentari meta kienet ghaddejja din l-emenda mill-Parlament, jidher car li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li, skond konvenzjonijiet internazzjonali dan id-delitt jitqies li tant hu fahxi, s-semplici pussess jew il-produzzjoni ta' video pornografiku tat-tfal, anke jekk ma tqassmux ghandu jigi meqjus bhala reat. U ghal mistoqsijiet tac-Chairman tal-Kumitat tal-Kamra tar-Rapprezentanti : *"Anki jekk tara video ta' tfal ta' 16 il-sena, dak jigi meqjus bhala reat?"* , il-Ministru li kien qed jippilota l-abboz wiegeb testwalment : *"Jekk ikollok fil-pussess tieghek program pornografiku tat-tfal, dak huwa meqjus bhala reat."* Ghad-domanda tac-Chairman : *"Even if you download the film?"* il-Ministru rega' tenna : *"Iva, dak huwa reat."* Kompla jispjega li jekk persuna li tkun qed tara film bhal dan fuq television bis-satellita w taghmel downloading tieghu w taghmel kopja ta' dak il-programm, dak jigi meqjus bhala reat. Dawn l-interventi proprju saru in konnessjoni mall-emenda li kien ghadu kif ippropona il-Ministru koncernat biex tigi emendata il-klawsola 35 tal-Abbozz ta' Ligi billi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 208 A li hemm fiha, il-kliem: *" bil-hsieb li dawn jigu mqassma jew murija minnhom jew minn persuni ohra"* u fit-test Ingliz *"with a view to its being distributed or shown by that person or by others"*, ghandhom jithassru. Fil-fatt din l-emenda tal-Ministru giet approvata w l-Att III tal-2002 ghadda bl-artikolu 208 A minghajr din il-kwalifika, kif fuq riprodott. (Seduta Nru. 122 tal-21 ta' Jannar 2002).**

**Ghalhekk jekk kemm il-darba jirririzulta li l-akkuzati jew xi wiehed minnhom kien fil-pussess ta' ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti ta' persuna ta' taht l-eta', jew wera' materjal simili, ikun jissusisti r-reat kontemplat fis-seba' kap tal-att ta' l-akkuza, anki jekk ma jirrizultax li dak il-materjal ikun gibdu hu stess jew ingibed bil-permess tieghu. Konsegwentement din it-tieni eccezzjoni wkoll qed tigi respinta bhala infondata.**

It-Tielet eccezzjoni.

**Din il-Qorti lanqas ma taqbel ma l-interpretazzjoni li d-difiza tal-akkuzat Denis Pandolfino qed taghti lill-kelma** "pussess" **fis-sens li jekk xbiha elettronika tkun giet *deleted,* ghalkemm tkun xorta wahda tista' tigi *"retrieved"* mill-*hard disc* tal-computer tal-hati, bi procedura jew programm jew apparat specjali, allura ma jkunx hemm il-pusess. Apparti li din id-difiza hija wahda ta' natura akkademika ghax fi tnejn milll-*compact disks* elevati mill-pussess ta' dan l-akkuzat (Doks. DP-CD019 u DP-CD050) hemm decizament materjal indicenti li jirrigwarda persuni taht l-eta', l-kwantita' kbira t' *electronic images* li gew *retrieved* mill-hard disc tal-akkuzat u li ukoll jirrigwardaw ritratti jew *video clips* ta' persuni taht l-eta' kienu fil-pussess tieghu w accessibbli ghalih f' files li hu kellu fil-computer qabel ma ghamel id-*deletion* taghhom u, f' kull kaz, ladarba dawn kienu jistghu jigu *retrieved* mill-computer tieghu, il-pussess kien jezisti qabel saret id-*deletion* u kien ghadu jezisti anki wara, tant li kollu gie *retrieved*, sia pure bi procedura w program specjali mill-computer tieghu.**

*Ghalhekk din it-tielet eccezzjoni tad-difiza tal-akkuzat Denis Pandolfino qed tigi respinta.*

**Ikkonsidrat;**

Linji Difensjonali li jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti.

**Illi apparti l-linji difensjonali prettament ta’ natura legali appena hawn fuq trattati, d-difiza ta’ l-akkuzat Denis Pandolfino ssottomettiet li l-Prosekuzzjoni riedet tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Fil-kaz tal-ewwel zewg kapi kontra dan l-akkuzat, il-Prosekuzzjoni kienet qed tistrieh biss fuq ix-xiehda taz-zewgt itfal li ma jikkorroborawx lil xulxin. Hu minnu li f’ dan il-kaz il-ligi ma kienetx tesigi tali korroborazzjoni, izda meta wiehed jezamina dak li xehdu t-tfal, johrog li dak li xehed Denis Pandolfino ma jistax jigi skartat. Meta jkun hemm bilanc bejn il-versjonijiet li jinghataw ikun hemm id-dubju ragjonevoli. Kien hemm cirkostanzi li juru li Denis Pandolfino ghandu jigi moghti aktar kredibilita’ minn dak li qalu t-tfal. Iccita minn testi Inglizi fejn f’ kazijiet ta’ *rape*, l-imhallef irid jidderigi lil gurati biex joghodu attenti li bniet u nisa jistghu jaghmlu allegazzjonijiet simili u “*may lie for no reason at all”.* Dan seta’ kien il-kaz anki f’ dil-kawza. Illi ma hemmx dubju li f’ dan il-kaz iz-zewg minuri kienu taht it-tnax il-sena w ghalhekk hemm il-vjolenza prezunta. Il-Prosekuzzjoni pero’ ma ppruvatx li kien hemm il-bidu ta’ penetrazzjoni fil-kaz tal-ewwel kap. Dan gie ukoll michud mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu w fix-xhieda tieghu. Dawn it-tfal tkellmu bejnithom u ma setghux jinghataw affidament.**

**L-abbli Difensur semma per ezempju li fil-waqt li fl-ewwel xhieda tieghu Omissis (1) kien qal l-aktar li kien jaghmillu pastazati kien Denis u li Anthony kien jaghmillu ftit, meta ddepona quddiem din il-Qorti xehed li l-akkuzat l-iehor Anthony kien jistuprah kulljum. Ukoll Omissis (1) qal li ra l-Denis jaghmel pastazati ma huh Omissis (2) imma Omissis (2) xehed li ma kien ikun hemm hadd aktar meta Denis kien jaghmel dan. Omissis (1) quddiem il-Magistrat kien xehed li kien ghamel atti sesswali ma tifel iehor u meta xehed quddiem din il-Qorti dan cahdu. Wiehed ried jara ukoll dak li qal Omissis (1) anki mhux bil-gurament. Omissis (2) qatt ma allega li Denis ippentrah. Omissis (2) kien mar joqghod ma Denis ghall-habta ta’ nofs Lulju, 2002 u mhux sena qabel ma**

**zvela dan mas-*social worker* kif xehed quddiem din il-Qorti. U kieku stess l-akkuzat Denis Pandolfino ried jiehu lil Omissis (2) mieghu biex jabbuza minnu, kien jiehu lil huh iz-zghir Omissis (3) miehu ukoll bhala xhud?, staqsa l-abbli difensur. Jidher li meta hadu mieghu ma kellux intenzjoni hazina mela. Omissis (2) ma allega li ntuza ebda cream. It-tifel bl-isem Jonathan li ssemma mill-minuri ma rrizultax li jezisti. Ma kienx ragonevoli li tifel jigi abbuzat kulljum u ma jghid xejn. Ma saret ebda investigazzjoni medika fuq il-parti tat-tfal biex jigi verifikat dak li gie allegat f' dan il-kaz. Ghalhekk jidher li din l-istorja kienet frott tal-immaginazzjoni tal-minuri w li mill-assjem tal-provi l-Ewwel Kap ma giex pruvat.**

**L-istess konsiderazzjonijiet kienu japplikaw ghat-Tieni Kap ukoll.**

*Dwar it-Tielet Kap ma kien hemm assolutament ebda prova. Meta l-Ispettur Louise Calleja giet mistoqsija fuq liema provi giet bazata din l-akkuza, hi wiegbet li ghax l-akkuzat kien ikun fuq il-minuri waqt l-atti sesswali. Ma hemm ebda prova li turi li gew mizmuma kontra l-volonta' taghhom it-tfal.*

**Dwar is-Seba' Kap, l-abbli difensur issottometta li ladarba il-materjal fuq il-*hard disk* tal-computer ta' Denis Pandolfino kien gie *deleted*, allura dan il-materjal ma kienx fil-pussess tieghu ghax ma setghax jaccessjah.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi <u>fid-difza tieghu tal-akkuzat Anthony Pandolfino, Dr. Joseph Giglio,</u> issottometta li it-tifel Omissis (2) ma jghid xejn fuq Anthony Pandolfino. Hu semma l-kronologija tal-fatti kif irrizultaw quddiem din il-Qorti. Minn dan kien johrog li kien hemm numru ta' versjonijiet jew ta' nuqqas ta' versjonijiet u ta' xhieda mhux konsistenti. It-tifel Omissis (1) ma qalx li kien jiehu pjacir b' dak li kien isir jew li kellu xi *sense of guilt*. Anzi it-tezi tal-prosekuzzjoni hi li t-tifel kien qed**

**jiddejjaq u jwegga' b' dak li kien qed isir u li ma tkellimx qabel ghax beza' li Anthony Pandolfino kien joqtlu. Meta xehed quddiem dil-Qorti Omissis (1) qal li kulljum kien jigi stuprat. Imma dat-tifel kien johrog u jmur l-iskola w jiltaqa' ma' nies ohra w xorta qatt ma semma xejn. Jekk quddiem il-Magistrat xehed li kien gie stuprat erba darbiet biss u issa qed jghid il-verita' jigi li quddiem il-Magistrat kien gideb. Hemm ukoll nuqqas ta' konsistenza meta xehed quddiem il-Magistrat li kien mar ma Ryan u issa quddiem dil-Qorti dan cahdu w jghid li ma jiftakarx ghaliex qabel kien qal mod iehor.**

**Meta quddiem il-Magistrat semma l-erba' okkazzjonijiet fejn suppost gie stuprat, u rrifera ghat-tieni incident, dan kien jikkonsisti biss meta kien raha lill-akkuzat Anthony Pandolfino jimmasturba fuq il-*boat.* Hawn ma kien hemm ebda penetrazzjoni. It-tielet incident jirrigwarda wiehed mal-ko-akkuzat u fil-prezenza ta' Omissis (2).  Ir-raba' incident jirrigwarda meta kien mar huh Omissis (2) ghandhom u qaghdu jaraw il-pastazati fuq it-TV u jidhqu. Minn dawn l-erba incidenti kif deskritti lill-Magistrat, fi tlieta minnhom ma tissemma ebda penetrazzjoni w fi tnejn minnhom lanqas biss jikkonfigura l-akkuzat Anthony Pandolfino. Imma Omissis (1) hu ukoll kontradett minn huh Omissis (2) li xehed li hu qatt ma kien ra pastazati fid-dar fejn kien Omissis (1) cioe' tal-akkuzat Anthony Pandolfino. Kien hemm ukoll nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda ta' Omissis (1) moghtija quddiem din il-Qorti fejn il-minuri giddeb lilu nnifsu. Kien hemm *mare magnum* ta' tahwid dwar ir-raba kap ta' stupru. F' hiex konna ser nemmnuh lil dan ix-xhud allura? , staqsa Dr. Giglio.**

**Kien hemm umbaghad in-nuqqas ta' xi evidenza medika tal-istrupru. Wiehed ma setax jargumenta li kien hemm korroborazzjoni semplicement ghax gew elevati xi films pornografici w creams minnghand l-akkuzat Anthony Pandolfino. Fl-istqarrija tieghu dan l-akkuzat kien qal : "*kont naghmel kollox barra***

***penetration…"*** **u din l-istqarrija kienet wahda skjetta w spontanja.**

**Illi ghar-rigward tal-Hames Kap cioe' dak ta' korruzzjoni tal-mionorreni ma rrizultawx atti di libidine ghall-fini ta' dan ir-reat.**

**Is-sitt Kap dwar is-sekwestru tal-persuna ma jreggix u ma hemmx provi dwar dan.**

**Fis-seba' kap il-kliem "*bhal dawn*" *("such"* fit-test Ingliz) tal-artikolu 208A (1) tikkwalifika l-kliem *"…jigbed jew jippermetti li jingibdu.."* u ghalhekk jekk ma hemmx il-prova li l-materjal indecenti ngibed mill-akkuzat jew bil-permess tieghu, l-pussess ta' tali materjal fih innifsu mhux reat.**

**Ikkonsidrat;**

**L-Akkuzi ta' stupru vjolent u ta' korruzzjoni tal-minorenni fil-konfront taz-zewg akkuzati.**

**Illi ghar-rigward tal-Ewwel u t-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza kontra Denis Pandolfino w r-Raba' u l-Hames Kapi kontra Anthony Pandolfino, l-prova tal-Prosekuzzjoni ewlenija hija d-depozizzjoni taz-zewg minuri Omissis (1) u Omissis (2), kemm dik moghtija quddiem il-Magistrat fil-kors tal-Istruttorja kif ukoll dik in kontro-ezami w in ri-ezami li ttiehdet bil-video conferencing quddiem din il-Qorti. Hemm umbaghad l-istqarrijiet li saru lill-Pulizija miz-zewg akkuzati w x-xiehda tal-akkuzat Denis Pandolfino.**

**Illi gie verbalizzat li x-xhieda tal-minuri li nghatat quddiem il-Qorti Istuttorja kellha titqies bhala prova minn din il-Qorti w li ma kienx hemm ghalfejn li tigi moqrija quddiem il-Qorti u li l-minuri ma kellux ghalfejn jerga' jsirilhom l-*examination in chief* mill-Prosekutur u l-kontroezami li kien lahaq sar quddiem il-Magistrat, pero' li dawn kellhom xorta wahda jitqiesu bhala prova.**

**Ikkonsidrat;**

**Meta xehed quddiem il-Qorti Istruttorja, fit-28 ta' Jannar, 2003,** Omissis (1) **kien qal *"inter alia"* li kien mar jghix ma Anthony Pandolfino meta kellu xi hames jew sitt snin, meta kien Year 3 fl-iskola. Meta kien ikun ghand l-akkuzat Anthony, dan kien jitla' fuqu. Mistoqsi mill-Qorti kemm il-darba dan sar, wiegeb : *"Xi erba darbiet."* Dan kien isir fuq is-sodda. Hu kien ikun jilghab bil-play station u meta kien jghaddi minn hdejn l-akkuzat li kien ikun fuq il-computer, kien jara stampi tal-pastazati. Kien jaghmillu hekk fil-bidu meta mar joqghod ghandu. Mistoqsi biex jispjega dak li kien pinga, x-xhud ghad-domanda tal-Qorti : *"U x' qed jaghmel Tony?"* qal : *"Jahxini."* Kompla jispjega li t-tpingija kienet turi l-patata tieghu w l-"pesisa" ta' Tony. Spjega ukoll li minn din tal-ahhar *"kien johrog xi haga abjad".* Dan gara xi erba darbiet u din mill-ewwel grat. Kien jiddejjaq u kien iwegghu fil-patata Tony. Hu kien jghidlu lil Tony li qed iwegghu imma Tony kien ikompli. Din kienet iddum xi siegha u nofs umbaghad Tony kien jieqaf u joqghod sejjer hekk b' idejh mall-pesisa tieghu stess. Kien jghidlu li "*Jekk tghid lil xi hadd noqtlok."* Hu kien qal b' dan lil Mathew, tifel li kien jigi *horse riding* mieghu w meta qallu dan, Mathew kien qabad jidhaq.**

**Kompla jixhed li Tony kien ukoll juri l-pastazati lil tfal ohra bl-isem ta' Yohan, Mark u Timothy li kienu jmorru d-dar taghhom u dawn l-istampi fuq il-computer kienu juru mara gharwiena w ragel fuqha. It-tieni darba Tony kien mess lilu nnifsu w hareg dik il-haga bajda meta kien fil-*boat* li kienu marru fuqha ma xi Inglizi.**

**Qal li umbaghad kien jigi Denis Pandolfino u meta gie qaghad jara l-pastazati u meta Tony kien jitlaq Denis kien imur hdejh u kien *"joqghod jaghmilli hekk….fuq il-parti tieghi." "U kont nipprova innehhieh." "U jkun irid idahhlu f' halqu il-parti tieghi. Umbaghad Denis qalli biex ma nghidx lil Tony ghax ma jhallinix nilghab bil-playstation."***

**Umbaghad ix-xhud semma bhala r-raba' darba meta kien mar huh ghandu *"u joqghod jara l-pastazati u konna narawh u nibdew nidhu."***

*Umbaghad saru sensiela ta' domandi w risposti fejn ix-xhud spjega dak li kien pinga quddiem il-counsellor tieghu. Fost affarijiet ohra, spjega kif darba Tony qaleb it-television fuq film tal-pastazati u huma t-tnejn qaghdu jaraw flimkien. Iddeskriva ukoll x' ra f' dan il-film bejn zewg nisa u dawn in-nisa u ragel. Damu jaraw xi 45 minuta ghax ma lahquhx mill-bidu dal-film fuq it-TV.*

**Mistoqsi x' interess kellhom it-tfal li jivventaw jew jigdbu dwaru, hu wiegeb li hu <u>haseb</u> li dan kien il-kaz ghax meta bhala rizultat tar-rapport li hu kien ghamel lis-social worker dwar il-perikolu li t-tfal jigu mehuda barra minn Malta minn ommhom, huma ma thallewx johorgu aktar mill-istitutut, allura haduha kontra tieghu. Izda dan il-movent li Denis Pandolfino jattribwixxi lit-tfal hu biss kongettura tieghu w mhu bazat fuq ebda prova konkreta. Mill-bqija, kif xehed hu stess in kontro-ezami, Denis Pandolfino ma kellu ebda kwistjoni ma' Omissis (2).**

**Allura wiehed jistaqsi ghaliex dan it-tifel kellhu jiddeskrivi b' tant dettall u persistenza dawn l-atti di libidine li ghamel mieghu jew fuqu jew fil-prezenza tieghu dan l-akkuzat, jekk mhux ghax verament graw? L-istess l-incidenti li jiddeskrivi Omissis (1) Pandolfino li uhud minnhom graw fid-dar tal-akkuzat u ohrajn graw fid-dar fejn kien jghix Omissis (1) ma l-ko-akkuzat gew deskritti grafikament minn Omissis (1) b' mod li din il-Qorti tara li huwa attendibbli.**

**Illi hu minnu li kien hemm xi nkonsistenzi fix-xhieda tal-minuri bejn dak li kienu qalu fil-bidu w dak li xehdu fil-kors tal-process, pero' fil-fehma ta' din il-Qorti dawn ma jindebolixxux il-versjoni tal-minuri b'tali mod li jirrenduhom mhux kredibbli, imma jistghu ikunu attribwibbli, ghar-reticenza naturali li tfal ikollhom**

**biex jirrakkontaw certi affarijiet mill-ewwel, minnhabba certa misthija, imbarazzament u sentimenti simili kif ukoll minhabba trapass ta' zmien.**

**Kontra dawn hemm il-fatt li zewg minuri xehdu li gew korrotti separatament mill-istess akkuzat, il-patafjun ta' materjal indecenti li jinvolvi tfal taht l-eta' li gie retrieved mill-hard disc tieghu w l-fatt li l-istess akkuzat gie kontradett mill-Ispettur Calleja fil-konfront li sar mieghu.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tara li l-akkuza ta' reat kontinwat ta' korruzzjoni taz-zewg minorenni dedott fit-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza kontra Denis Pandolfino giet sodisfacentement pruvata.**

***************

L-akkuza tar-Reat ta' stupru vjolent minn Denis Pandolfino.

**Pero' l-allegazzjonijiet taz-zewgt itfal minuri ma jieqfux f' atti di libidine li huma l-bazi ta' l-akkuza ta' korruzzjoni tal-minorenni izda jmorru oltre. Iz-zewgt itfal xehdu li Denis Pandiolfino kien stuprhom billi kellu x' jaqsam maghhom minn wara f' okkazzjonijiet differenti. Omissis (2) jghid li dan gara fid-dara ta' Denis Pandolfino f' dawk l-okkazzjonijiet meta kien jorqod ghandu fil-weekends u fl-ghaxart ijiem li kien mar jghix ghandu meta ommu siefret f' Awwssu, 2002 biex marret t-Tunisija ma Mohammed. Omissis (1) jghid li gie stuprat f' zewg okkazjonijiet meta kien mar fid-dar ta' Denis u waqt li Anthony Pandolfino kien fuq ghand ohtu.**

**L-akkuzat jichad li Omissis (1) qatt kien wahdu mieghu fid-dar tieghu w li qatt stuprah.**

**Issa fil-kaz ta' dan ir-reat dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li l-icken penetrazzjoni jew il-bidu tal-penetrazzjoni hija bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' stupru vjolent. Il-ligi mbaghad fl-artikolu 201 (1) tghid**

**li l-istrupru jitqies dejjem bhala vjolent meta jsir fuq persuna ta' taht l-eta' ta' tnax il-sena. F' dan il-kaz, irrizulta pruvat li meta graw il-fatti allegati, kemm Omissis (1) kif ukoll huh Omissis (2) ma kienux ghadhom ghalqu l-eta' ta' tnax il-sena.**

**Id-difiza ta' Denis Pandolfino tghid li l-versjoni tal-minuri mhux konsistenti, li dawn ma jaqblux ma xulxin f' xi dettali w cirkostanzi, li l-akkuzat cahad dan kollu w li dak li qed jghidu t-tfal hu frott tal-immaginazzjoni taghhom. Anki hawn japplikaw il-konsiderazzjonijiet kollha gja imsemmija minn din il-Qorti meta kienet qed titratta il-kwistjoni tal-kredibilita' ghall-fini tat-tieni kap ta' l-att ta' l-Akkuza fuq riferit.**

**Id-difiza pero' tobbjetta wkoll li ma sarx ezami mediku tal-minuri waqt l-investigazzjonjiet biex jigi accertat jekk kienx hemm evidenza ta' penetrazzjoni anali. Hu minnu li dan ma sarx. Din il-Qorti tistaghgeb kif ma saritx din l-investigazzjoni medika a tempo vergine meta kien hemm batterija shiha ta' councellors, social workers u spetturi jinvestigaw il-kaz fl-istadji inizjali tieghu w kif lanqas l-Avukat Generali fir-rinviji li saru qatt ma talab li jinhatar xi espert ghal dan il-ghan.**

**Illi huwa minnu li ezami mediku simili mhux necessarjament jaghti rizultati konklussivi, ghaliex kif jinghid fil-monografija** "Forensic Medicine for Lawyers" **p.228, citat mill-istess abbli difensur :-**

*"…it must be admitted that, in many cases, there will be insufficient evidence for the doctor to reach a firm conclusion that unnatural intercourse has occurred."*

**Pero' f' kazijiet ta' din ix-xorta, l-ewwel haga li investigatur ghandha tigih f' rasu hija proprju li jsiru accertamenti medici biex wiehed jara dak li qed jigi allegat jistax jigi korroborat minn tracci medici. Donnu f' dan il-kaz gara li l-investigaturi setghu tfixklu f' saqajn xulxin u ommettew li jaraw li titwettaq dan l-**

**aspett ovvju tal-indagni. Hu deplorevoli li dan ma sarx f' dan il-kaz.**

**Forsi ghall-futur ikun ahjar li meta jigu a konjizzjoni ta' xi *teacher, social worker*, psikjatra jew persuna ohra allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali fuq tfal ta' din ix-xorta, jidhol mill-ewwel team specjalizzat tal-Pulizija biex ikompli jinvestiga l-kaz minnflok ma l-persuna minuri toqghod tirripeti l-istorja taghha l-ewwel lil psikjatra jew counsellor, umbaghad lis-social worker, umbaghad lill-ispettur, umbaghad lill-Magistrat Inkwirenti kif gara f' dan il-kaz. Dan it-team specjalizzat ikun imharreg biex jinvestiga b' certa rutina stabilita li tkun tinkludi ukoll ezamijiet medici tempestivi opportuni skond il-kaz.**

**Pero' din il-Qorti trid tiggudika fuq il-provi li ghandha quddiemha w wara li fliet bir-reqqa' x-xhieda taz-zewg minuri, fuq riprodotta fid-dettall, u c-cirkostanzi indizjarji korroboratorji tal-versjoni tal-minuri, tinsab moralment konvinta sal-grad tac-certezza morali li Denis Pandolfino, kien fil-fatt stupra liz-zewg minuri separatament billi ippentrahom *"per anum"*. kif iddeskrivew il-minuri b' tant dettall u emfasi fuq l-ugiegh li kienu jhossu meta kien jigri dan. Kieku ma kienx ikun hemm il-bidu tal-penetrazzjoni, t-tfal ma kienux iwegghu. U ladarba din il-Qorti qed temmen lit-tfal, hija moralment konvinta sal-grad tac-certezza morali li kien ikun hemm penetrazzjoni tal-parti privata anali taghhom da parti tal-parti privata tal-akkuzat Denis Pandolfino.**

**Konsegwentement fil-fehma ta' din il-Qorti tirrizulta l-akkuza dedotta kontra Denis Pandolfino fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.**

*************

L-akkuza tar-reat ta' Korruzzjoni ta' minorenni minn Anthony Pandolfino.

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-istqarrija tal-akkuzat Anthony Pandolfino, anki kieku kien minnu li dan it-tifel li allura kellu xi seba snin meta mar jghix ghandu l-ewwel darba, kien gja vvizzjat u kien jibdielu hu, johrog li l-agir tieghu li kien ikompli mieghu kif iddeskriva, indubbjament jammonta ghar-reat kontinwat ta' korruzzjoni ta' minorenni, u dan ghaliex anki jekk il-minuri kien daqshekk korrott diga, meta mar mieghu, ma jmissux ha vantagg minnu w kompla jaghmel atti di libidine mieghu, anki jekk l-iskop dikjarat tieghu kien li joftmu minn dan il-vizzju tas-sess li suppost kellu dat-tifel zghir. Li kien mistenni minn dan l-akkuzat, kieku veru kien genwin u ried jikkorregi lit-tifel, kien li javvza lill-omm it-tifel b' dan u jew iregghu lura minnufieh ghand ommu, jew ikellem xi counsellor jew psikjatra tat-tfal biex jipprova johorgu mill-vizzju tieghu. Minn dan ma ghamel xejn.**

**Minnflok, b'dak li ammetta illi kien qed jaghmel, zgur li kien qed izid u mhux inaqqas il-korruzzjoni tal-minuri. Il-qrati taghna, hlief b' xi eccezzjoni wahda, qatt ma accettaw id-difiza ta' "*currupta,(*f' dal kaz *"corruptus") non corrumpitur"* u l-agir tal-akkuzat zgur kien jammonta ghal atti ta' libidine ta' l-oghola ordni anki jekk ma kienx hemm pentrazzjoni. Ghalhekk zgur li fil-konfront ta' dan l-akkuzat jirrizulta *"ex admissis"* r-reat kontinwat dedott fil-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza w fuq dan il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn toqghod tiddilunga aktar.**

*Pero' din il-Qorti tara li hu ferm inverosimili dak li qal dan l-akkuzat fl-istqarrija tieghu w cioe' li kien jibdielu t-tifel ta' seba' snin u sahansitra jitkarrablu biex ikollu x' jaqsam mieghu minn wara w addirittura jissuggerilu li japplika u jidlek il-cream fuq il-parti tieghu, u hu taparsi jidlek. L-akkuzat li jaccetta li kien jaghmel kollox barra* pentration *u li jaccetta ukoll li Omissis (1) kien "*qed jghid il-verita'*"* *jikkontesta biss il-penetrazzjoni.*

**************

L-akkuza tar-reat ta' stupru vjolent minn Anthony Pandolfino.

**Ikkonsidrat;**

**Illi ghalkemm fl-istqarrija tieghu Anthony Pandolfino ripetutament jichad li hu qatt ippenetra minn wara lil Omissis (1) u jghid li dan ma setax jaghmlu, dwar dan, it-tifel hu emfatiku w pressat minn din il-Qorti waqt il-video conference insista li *"Zgur il-mewt"* li l-akkuzat kien idahhal il-parti tieghu fil-warrani tat-tifel kulljum, apparti *oral sex* u loghob iehor li kien isir.**

**Issa fil-kaz ta' dan ir-reat kif gja intqal, dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li l-icken penetrazzjoni jew il-bidu tal-penetrazzjoni hija bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' stupru vjolent. Il-ligi mbaghad fl-artikolu 201 (1) tghid li l-istrupru jitqies dejjem bhala vjolent meta jsir fuq persuna ta' taht l-eta' ta' tnax il-sena. Kif gja ntqal ukoll, f' dan il-kaz irrizulta pruvat li meta graw il-fatti allegati, Omissis (1) ma kienx ghadu ghalaq l-eta' ta' tnax il-sena.**

**Ikkonsidrat;**

**Hu minnu li meta Omissis (1) kien tkellem mall-counsellor u mal-Pulizija w meta xehed quddiem il-Magistrat ma semmiex din il-frekwenza ta' kulljum tal-penetrazzjoni, pero' sa mill-bidu nett kien semma li penetrazzjoni kien ikun hemm. Din il-Qorti osservat mill-qrib il-komportament tal-minuri waqt li qed jixhed quddiemha w hasset li kien qed jixhed b' mod skjett, genwin u veritier u l-versjoni tieghu hija ferm aktar attendibbli minn dik tal-akkuzat Anthony Pandolfino, li kwazi jrid jaghti l-impressjoni li kien dan it-tifel ta' seba' snin li ikkorrompa lilu w mhux vice versa'.**

**Illi umbaghad xejn ukoll ma hu verosimili li l-akkuzat joqghod attaparsi jidlek il-cream mall-parti tieghu ghax hekk kien jghidlu biex jaghmel l-minuri li meta mar mieghu kien ghad ghandu ftit aktar minn seba' snin. Ovvjament l-akkuzat kellu jispjega s-sejba mill-**

**Ispettur Martin Sammut taz-zewg stoccijiet bil-creams Sudocream u Vaseline cream "45" li nstabu ghandu waqt is-search u meta gie rinfaccjat bl-allegazzjoni tat-tifel dwar il-creams, hareg b' din it-trovatura xejn kredibbli biex jostor il-fatt li hu kien jippenetra lill-minuri bl-ghajnuna ta' dak il-cream. Hu ovvju li jekk ma kienetx issehh jew almenu tibda' l-bidu tal-penetrazzjoni, kif isostni l-akkuzat fl-istqarrija tieghu, ma kienx ikun hemm bzonn l-uzu ta' creams. Mela jekk intuza l-cream, din hi cirkostanza li tkompli tikkorrobora l-verzjoni tal-minuri li xi forma ta' pentrazzjoni kien ikun hemm u mhux li dan isir biex speci jwettaq ix-xewqa tal-minuri li jintuza cream biss. Il-versjoni tal-akkuzat anki hawn mhix attendibbli lanqas sal-bazi tal-probabbli.**

**Hawnhekk din il-Qorti ttenni l-istess osservazzjonijiet li gja ghamlet meta kienet qed titratta din l-akkuza ta' stupru vjolent fil-kaz ta' Denis Pandolfino w cioe' li kien desiderabbli f' dan il-kaz li Omissis (1) jigi sottopost ghall-ezami mediku biex jigi nvestigat jekk kienx hemm tracci ta' penetrazzjonijiet anali ripetuti w ta' spiss fuqu. Pero' il-fatt li l-investigaturi u l-prosekuturi ma hassewx li kellhom jaghmlu din il-prova, ghalkemm deplorevoli, ma ghandux jannjenta l-prova diretta li tohrog mix-xhieda dettaljata w grafika ta' Omissis (1) fejn isemmi l-ugiegh li kien ihoss meta jigi penetrat minn wara minn dan l-akkuzat.**

**Hemm umbaghad cirkostanzi indizjarji li jsahhu w jikkorroboraw il-versjoni ta' Omissis (1) bhal ma huma s-sejba tal-cream fid-dar ta' Anthony Pandolfino, l-video cassette (Dok. MS) mimlija b' atti ta' sess u penetrazzjoni anali omosesswali, l-kwantita' ta' materjal pornografiku ta' sess bejn tfal u tfal u adulti u tfal li kellu fil-bagalja CD's, is-sejba ta' video camera daqxejn kbira fuq stand fl-istudju fejn kien hemm il-computer set-up fid-dar tal-akkuzat Anthony Pandofino li kollha jindikaw li dan l-akkuzat kien stradat sew fil-hajja tal-vizzju pedofilu. Wara kollox l-unika haga li qed jikkontesta dan l-akkuzat mill-atti ta' libidine kollha li Omissis (1) allega li kien jaghmel**

**mieghu hi biss il-penetrazzjoni. Mela jekk it-tifel xehed il-verita' dwar dawk ic-cirkostanzi l-ohra kollha, x' interess jista' jkollu t-tifel li jigdeb jew jesagera biss dwar l-allegazzjoni tal-istupru vjolent?**

**Il-fatt li Omissis (1) ma qalx kollox mill-ewwel fil-fehma ta' din il-Qorti setgha kien gej minn certu sens ta' htija w kolpevolezza li x' aktarx hass minnhabba li hu kien addatta ruhu ghal din it-tip ta' relazzjoni sesswali mal-akkuzat fuq il-firxa tal-erba snin li kien ilu mieghu w ghalhekk seta' hass il-bzonn li jimminimizza l-partecipazzjoni tieghu f' ghajnejn il-persuni li hu kien qed ikellem.**

**Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "**Il-Pulizija vs.Godfrey Demanuele**" [5.6.2003] :-**

*"Jekk umbaghad fil-kors tal-investigazzjoni w tad-depozizzjoni taghha il-persuna minuri ma kienetx "open" u skjetta ma kullhadd, dan jista' facilment ikun attribwibbli ghall certu mistija w "embarrassment" naturali" ,*

**Ikkonsidrat;**

**Li t-tifel kien wasal biex accetta din il-*life style* johrog minn fatt sintomatiku hafna ghal din il-Qorti. Meta l-Pulizija dahlu ghall-gharrieda fid-dar tal-akkuzat Anthony Pandolfino, fejn kien hemm ukoll Omissis (1), dan ma laqaghhomx bhala s-salvaturi tieghu. Ghal kuntrarju, meta thalla wahdu isfel ma kuntistabbli, pprova jwarrab u jahbi l-Video Cassette (Dok. MS) biex ma tarahx il-Pulizija, izda gie osservat jaghmel dan minn PC 628 Walter Sergent, li kien pront jahtaf il-video u jzommu separat minn materjal iehor li gie elevat u qal b' dan lis-superjuri tieghu li kienu qed jikkonducu s-search. Omissis (1) jammetti li pprova jahbi dal-video li qal li kien jaf x' fih u li kien porn.**

**Dan il-Video Cassette kien jikkontjeni zewg *feature films* twal u bicca minn iehor. L-ewwel wiehed intitolat bil-Francis "*Sacre College",* kien attaparsi ambjentat f' kullegg religjuz u fih xeni kontinwi w ripetuti *ad***

***nauseam*** **ta' atti omosesswali ta' kull xorta immaginabbli,inkluza penetrazzjoni anali, bejn il-guvintur li jmorru f' dak il-kullegg u bejnhom u bejn l-impjegati lajci tal-istess kullegg bhal ma huma l-infermier, il-kok u l-gardinar. It-tieni feature film li hu amerikan hu attaparsi ambjentat f' xi istitut sportiv u edukattiv u juri l-istess attivita' sesswali omosesswali mill-aktar esplicita bejn il-guvintur li kienu jiffrekwentawh. It-tielet feature film jew parti minnu li hemm fuq it-tape ma hux pornografiku. Li hu zgur hu li tifel ta' ghaxar snin li jara l-ewwel zewg films jigi bil-fors kondizzjonat li jahseb li n-normalita' kemm fl-iskola kif ukoll fl-ambjenti sportivi hija li l-attivita' sesswali bejn guvintur tal-istess sess ma taqta' xejn hi** ***"the order of the day".***

**Ma hemmx dubju li dan il-video cassette kien gie mholli f' idejn il-minuri Omissis (1) mill-akkuzat Anthony Pandolfino meta suppost kien jaf li seta' facilment jindottrinah fil-prattici omosesswali, inkluz kongungiment kontra n-natura** ***"per anum".*** **Dan kien proprju fl-ahhar jum li t-tifel kien qed jghix mieghu tul l-erba snin. Quddiem din il-prova tisfuma fix-xejn il-lamentela tal-akkuzat li hu kien qed jipprova johrog lil dan it-tifel mill-vizzju tieghu tas-sess u li dan kien irmexxilu jaghmlu sa xi sentejn qabel. Min irid jirriforma tifel ta' ghaxar snin ma jhallilux materjal bhal dan f' idejh meta kien jaf li jista jkompli jzidlu l-interess fis-sess omosesswali jekk mhux addirittura jistimulah sesswalment ukoll. Din issa mhux kaz ta' tifel ta' seba snin li gie ghandu gja ivvizzjat u hu qed jipprova joftmu mis-sess bil-mod il-mod, imma proprju turi il-kuntrarju.**

**Ghalhekk, bis-sejba ta' dan il-video magemb it-tifel dak in-nhar tas-search, fil-fehma ta' din il-Qorti johorgu zewg fatturi. Li ma kien veru xejn li Anthony Pandolfino kien qed jipprova w kwazi rmexxielu jirriforma lit-tifel li kien korrott diga'. Li ghal kuntrarju kien qed ihalli materjal esplossiv f' idejh li seta' biss jikkondizzjonah li jahseb li fil-hajja tal-guvintur ma hemm xejn hlief attivita' omosesswali ta' kull tip**

**immaginabbli f’ kull hin u okkazzjoni tal-jum. Hekk ittir kull kredibilita’ tal-akkuzat.**

**It-tieni fattur hu li t-tifel x’ aktarx li kien wasal biex addatta ruhu ghal din it-tip ta’ hajja fejn is-sess kien parti minn hajtu w li ghalhekk kien ihossu partecipi f’ dak li kien ghaddej minn ghalih fid-dar tal-akkuzat Anthony Pandolfino. Kien ghalhekk li hu qatt ma fetah qalbu ma hadd, lanqas ma ommu w kien biss wara li tkellem huh Omissis (2) u bdew jinvestigaw il-kaz tieghu ukoll li semma xi okkazjonijiet ta’ atti sesswali ma Anthony Pandolfino, izda mhux bil-frekwenza giornaliera li mbaghad zvela biss meta xehed in kontro-ezami quddiem din il-Qorti.**

**Hu veru li l-minuri mistoqsi ghaliex ipprova jahbi dan il-video qal li ghax bezgha ghax Anthony kien il-hin kollu joqghod jheddu w ipprova jahbieh biex Anthony ma jaqbadx sikkina w jitfaghha fuqu bil-lejl. Pero’ l-Qorti thoss li din l-ispjegazzjoni xejn ma hija konvincenti ghaliex jekk il-video cassette kienu ser isibuh il-Pulizija, hu ma kien ikun jahti xejn u Anthony Pandolfino ma kienx ikollu ghalfejn johodha kontra tieghu. Il-Qorti aktar tifhem li hu ma riedx li l-Pulizija tinduna x’ tip ta’ videos hu kien ikun muri jew jithalla jara f’ dik id-dar u x’ tip ta’ hajja kien qed jghix.**

**Illi ghalkemm hemm xi kontrasti bejn il-versjoni guramentata tax-xhieda ta’ Omissis (1) u dik kontenuta fl-istqarrija tal-akkuzat Anthony Pandolfino, dan ma jfissirx li necessarjament allura dan l-akkuzat irid jigi liberat mill-akkuza ta’ stupru vjolent. Dan ghaliex skond l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali** ***“…f’ kull kaz, ix-xiehda ta’ xhud biss , jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar.”***

**Illi mbaghad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (“**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne” **[9.7.2003])** ***“mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament***

***iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali  w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."***

*Meta kkonsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti lahqet il-konvinciment morali rikjest fil-proceduri kriminali li x-xhieda guramentata ta' Omissis (1), mhux kontradetta minn ebda xhud iehor, li hu kien jigi stuprat* "per anum" *mill-akkuzat Anthony Pandolfino hija aktar attendibbli mill-versjoni li ta' istess akkuzat fl-istqarrija tieghu w li ghalhekk ir-reat ta' stupru vjolent, pero' biss fil-konfront ta' dan il-minuri, dedotta fir-raba' kap ta' l-Att ta' l-Akkuza giet pruvata lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.*

*************

L-akkuza ta' sekwestru tal-persuna.

**Illi ghar-rigward tar-reat ta' sekwestru tal-persuna dedott kontra l-akkuzat Denis Pandolfino fit-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza, u kontra l-akkuzat Anthony Pandolfino fis-sitt kap tal-Att ta' l-akkuza, din il-Qorti, mill-ezami dettaljat tal-provi ma ssibx li jirrizultaw l-elementi tar-reat, ghab-bazi tal-provi li tressqu quddiema.**

**L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna : *"kull min,  bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti,  u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…"***

**Illi l**-Professur Sir Anthony Mamo **(Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :-**

*"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*

Issa f' dan il-kazi jirrizulta li dawn iz-zewg minuri spiccaw mall-akkuzati mhux ghax inhatfu jew ghax gew minnhom rispettivament kostretti, imma ghaliex intbaghtu hemm mill-genituri taghhom fil-kaz ta' Omissis (1) u mill-omm fil-kaz ta' Omissis (2).

**Irrizulta li Omissis (1) kien iltaqa' mall-akkuzat Anthony Pandolfino f' Birzebbugia meta dan l-akkuzat kien jivvizita habiba li kellu li kienet toqghod faccata ta' fejn kienu jghixu t-tfal mall-genituri taghhom. Bdiet hbiberija bejn Omissis (1) u l-akkuzat Anthony Pandolfino u wara xi granet dan ippropona li jrabbi lit-tifel hu. Dil-proposta giet accettata w Omissis (1) beda hajja gdida mall-akkuzat Anthony Pandolfino, li dahhlu l-iskola ta' San Giljan bil-kunjom Pandolfino w jidher li kien anki beda xi proceduri ghall-*"fostering*" tat-tifel. Dat-tifel kien liberu li johog mid-dar regolarment u jmur l-iskola u jithallat ma shabu tal-iskola w dam jghix hekk ghal xi tlitt snin jew aktar. Qatt ma semma li kien imsakkar gewwa. Kien beda jsejjah lill-Akkuzat Anthony Pandolfino "*Papa"*" u jidher li kien wasal biex accetta l-hajja li kien qed jghix bhala parti mill-hajja normali tieghu. Qatt ma semma xejn lill-ommu fl-okkazzjonijiet li kien jiltaqa' maghha w anki meta l-Pulizija rrejdjaw id-dar tal-akkuzat Anthony Pandolfino, ma rrejaggixxiex bhal xi tifel li gie salvat jew liberat minn xi sitwazzjoni li xtaq jahrab minnha.**

**Anzi, ghal kuntrarju, hu sintomatiku ferm li hu sahansitra pprova jwarrab u jahbi minn ghajnejn il-Pulizija il-Video Dok. MS li ssemma aktar il-fuq biex proprju l-Pulizija ma tindunax x' kien ghaddej hemm gew bejnu w bejn l-akkuzat Anthony Pandolfino. Dan mhux agir ta' persuna sekwestrata anki jekk tkun ta' eta' tenera.**

**Fil-kaz ta' Omissis (2) dan intbaghat ghal xi weekends ma l-akkuzat Denis Pandolfino minn ommu stess fis-sajf tas-sena 2002, u dan prezumibbilment biex hi tkun aktar komda w libera li taghmel li trid hi, meta fil-weekends dan it-tifel kien johrog mill-istitut Fra Diego biex suppost iqatta' l-weekend maghha. Meta umbaghad fil-gimghatejn li z-zewgt itfal Omissis (2) u Omissis (3) kellhom joqghodu maghha f' Awwissu, 2002, ghax l-istitut ikun maghluq ghall-*holidays* tas-sorijiet, rat kif ghamlet, biex hi tkun tista' ssiefer u tmur it-Tunizija mall-habib taghha Mohammed, u fdathom f' idejn l-akkuzat Denis Pandolfino bl-intendiment li jekk Leli iz-Zimba jitlob lil Denis Pandolfino li jiehu lil Omissis (3) (li jinghid li kien ibnu naturali) mieghu, dan jaghtihulu w jibqa' b' Omissis (2) biss mieghu.**

**Meta l-omm giet lura ma kienx hemm problema biex dan jerga' jmur ma ommu w mal-habib taghha Mohammed u jerga' jiddahhal fl-istitut. Tul l-intervall li kien mieghu, jidher li Omissis (2) nhareg mid-dar ta' Dennis u ttiehed diversi postijiet .**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.**

**Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent**

**dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn *"consenting adults"* taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f' hafna kazi l-att sesswali f' certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra.**

**Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru. Inoltre dan is-sokrien ma jirrizultax li sar fil-kaz taz-zewg akkuzati.**

**Imma ancorche' kellu jirrizulta li l-akkuzat Denis Pandolfino f' xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mall-minuri, jew ma xi wiehed minnhom, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom.**

**Konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti, z-zewg kapi tal-att ta' l-akkuza li jirrigwardaw is-sekwestru tal-persuna fil-konfront taz-zewg akkuzati ma gewx pruvati.**

**************

L-Akkuza ta' gbid, wiri jew pussess ta' ritratti indicenti ta' persuni ta' taht l-eta'.

**Ikkonsidrat ;**

**Illi ghar-rigward tas-Seba' Kap ta' l-Att tal-akkuza kontra z-zewg akkuzati, apparti dak li gja gie deciz dwar l-interpretazzjoni tal-artikolu 208 A tal-Kodici**

**Kriminali, mhux kontestat mid-difensur tal-akkuzat** Anthony Pandolfino **li fost il-videos, film clips, CD's eccetra li nstabu fil-pussess ta' dan l-akkuzat, kien hemm materjal indicenti ta' persuni li huma taht l-eta'. Fl-istqarrija tieghu (Dok LV1 9 fols. 618 u 619) Anthony Pandolfino ammetta li dan il-materjal kopjuz li kien kwazi kollu *boy sex related* u li ddeskriva hu stess bhala "*a massive collection*" kien nizzlu hu stess minn fuq l-internet. Irrizulta ukoll li parti minn dan il-materjal kien jintwera lil Omissis (1). Ghalhekk din l-akkuza tirrizulta pruvata fil-konfront ta' Anthony Pandolfino.**

**Fir-rigward tal-akkuzat** Denis Pandolfino**, din il-Qorti mhux qed taccetta bhala attendibbli, lanqas sal-grad tal-probabbli li l-mijiet ta' *"files"* li kellu fuq il-computer tieghu juru numru kbir ta' tfal taht l-eta' jew jippuzaw bla hwejjeg jew addirittura f' kull tip ta' att sesswali mmagibbli, dahlu fuq il-*hard disc* tal-computer tieghu ad insaputa tieghu w bla ma ried hu. L-incidenza qawwija ta' dan il-fenomenu jaghmilha ghal kollox improbabbli li dan seta' kien il-kaz. Inoltre nstabu diversi karti go kexxun imsakkar li kien fihom titoli w ismijiet ta' *sites* tal-internet li jindikaw li fuqhom kien hemm materjal viziv dwar tfal taht l-eta'. Dawn miktubin bl-iskrittura tieghu kif accetta hu stess waqt ix-xhieda tieghu. (ara Dok. YCP a fol. 318 et seq.) Hu pprova jispjega dawn in-notamenti ta' indirizzi bhala *sites* li ried jevita jekk jerga' jiltaqa' maghhom. Din l-ispjegazzjoni hija mill-aktar inkredibbli, ghaliex ma jaghmilx sens li wiehed joqoghod jinnota dak li jrid jevita meta jista' jevita *sites* ovvjament ta' pedofilija billi ma jippruvax jidhol fihom. Il-verita', tenut kont tac-cirkostanzi, jidher li hi proprju l-oppost u li dawn kienu indirizzi jew titoli ta' *sites* li hu xtaq li jivvizita jew jerga' jivvizita.**

**Hemm umbaghad ix-xhieda ta' Omissis (1) u Omissis (2) li jghidu li t-tnejn raw dan it-tip ta' materjal ghand Denis Pandolfino. Ghalhekk zgur mhux il-kaz li hu kien ihassar dal-materjal minn fuq il-computer tieghu hekk kif kien jinduna bih kif ta' x' wiehed jifhem fix-**

**xhieda tieghu. Hawn ghalhekk wiehed jirravviza ukoll dak kontemplat fit-tieni ipotesi kontenuta fl-artikolu 208 A u cioe' dik ta' min juri ritratti, films, video recordings jew xbihat elettroonici ta' tfal taht l-eta' lil terzi.**

**Jekk il-files li hu kellu fuq il-hard disc instabu deleted, dan hu plawsibbli ferm li sar ghax, kif qal hu, l-Avukat tieghu stess kien tah parir li jista' jikollu xi search mill-Pulizija, minnhabba dizgwid li seta' kellu ma omm it-tfal u ma l-habib taghha Mohammed ftit qabel ma saret is-*search*.**

**Umbaghad jghid x' jghid dwar dak li gie *retreived* mill-Pulizija u mill-espert tal-Qorti Bajada mill-*hard disc* tieghu, Denis Pandolfino zgur li ma jistax jahrab mill-fatt li fuq ic-CD's tieghu (dok. DP CD 019 u dok. DP CD 050) kien hemm materjal viziv li juri persuni taht l-eta' f' pozi indicenti w pornografici. Fuq id-dokument 050 kien hemm karta bil-*handwriting* tieghu *"ex admissis*" bit-titoli ta' dak li kien hemm f' dac-CD. Anki jekk jitqies biss il-pussess ta' dawn iz-zewg CD's biss, tkun ukoll tirrizulta din l-akkuza kontra Denis Pandolfino.**

************

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddikjara lill-akkuzat** Denis Pandolfino**, hati tal-ewwel, tat-tieni w tas-seba' kap tal-att ta' l-akkuza w cioe' talli :-**

1. **fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel, go Tas-Sliema, Pembroke, San Giljan, b' diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, bi vjolenza, kkommetta stupru fuq Omissis (1) u Omissis (2) ahwa minuri taht it-tnax il-sena, u dan skond l-Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza.**
2. **fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel, go Tas-Sliema, Pembroke, San Giljan, b' diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b' rizoluzzjoni**

**wahda, b' eghmil zieni, kkorrompa lil Omissis (1) u Omissis (2) ahwa, persuni taht l-eta', b' dan li r-reat sar imqar jekk il-minuri gew fdati lilu ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebhom, jedukhom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom u dan bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx it-tnax il-sena, u dan skond it-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza.**

**3. fid-29 ta' Novembru tas-sena' elfejn u tnejn (2002) u fix-xhur ta' qabel , f' Malta, l-akkuzat Denis Pandolfino li huwa cittadin ta' Malta w residenti permanenti Malta, qassam jew wera u/jew kellu fil-pussess tieghu, ritratti, films, video recordings jew xbiehat elettronici indecenti ta' persuni taht l-eta' u dan skond is-Seba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.**

*************

**Tiddikjara lill-akkuzat** Anthony Pandolfino**, hati tar-raba', tal-hames u tas-seba' kapi tal-att ta' l-akkuza w cioe' talli :-**

**1. fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel , go Pembroke, San Giljan, b' diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, bi vjolenza, kkommetta stupru fuq Omissis (1), minuri taht it-tnax il-sena, w dan skond ir-Raba' Kap tal-Att ta' l-Akkuza.**

**2. fis-sena elfejn u tnejn (2002) u fis-snin ta' qabel, go Pembroke, San Giljan, b' diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, b' eghmil zieni, kkorrompa lil Omissis (1), persuni taht l-eta', b' dan li r-reat sar imqar jekk il-minuri gie fdat lilu ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu w dan bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx it-tnax il-sena, w dan skond il-Hames Kap tal-Att ta' l-Akkuza.**

**3. fid-29 ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) u fix-xhur ta' qabel , f' Malta, Anthony Pandolfino, li huwa cittadin ta' Malta u residenti permanenti Malta, qassam jew wera u/jew kellu fil-**

**pussess tieghu, ritratti, films, video recordings jew xbiehat elettronici indecenti ta' persuni taht l-eta' w dan skond is-Seba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.**

**Tiddikjara lill-akkuzat** Denis Pandolfino **mhux hati tal-akkuza ta' sekwestru tal-persuna skond it-tielet kap ta' l- Att ta' l-Akkuza w minnha tilliberah.**

**Tiddikjara lill-akkuzat** Anthony Pandolfino **mhux hati tal-akkuza ta' sekwestru skond is-sitt kap ta' l-Att ta' l-Akkuza w minnha tilliberah.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet kollha dwar il-piena maghmula mill-abbli difensuri.**

**Illi mill-fedina penali aggornata tal-akkuzat Denis Pandolfino jirrizulta li fil-1978, hu kien gie misjub hati ta' omicidju involontarju rizultat ta' incident tat-traffiku w li fil-1994 kien instab hati ta' kontravvenzjoni ta' dagha.**

**Anthony Pandolfino ghandu hames kundanni ta' reati w kontravvenzjonijiet tat-traffiku w zewg kundanni li zamm fond miftuh ghall-kiri taz-zwiemel minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Illi l-piena ghar-reati li taghhom iz-zewg akkuzati nstabu hatja, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali tvarja minn piena minima ta' tlitt snin u tmin xhur prigunerija w multa ta' ghaxar liri Maltin ghall-piena massima ta' hmistax il-sena u tlitt xhur prigunerija.**

**Din il-Qorti thoss li l-gravita' w n-natura tar-reati li qed jinstabu hatja taghhom il-hatja kif ukoll l-incidenza, ripetizzjoni w kontinwita' taghhom tirrikjedi li l-piena mhux biss tkun wahda karcerarja effettiva imma wkoll li ma tkunx wahda vicin il-minimu tal-gamma wiesgha**

**tal-piena li l-ligi thalli f’ idejn il-gudikant, imma tkun wahda li tirrifletti s-serjeta’ u l-gravita’ tal-kaz.**

**Iz-zewg hatja rispettivament hadu vantagg mill-fatt li omm il-minuri kienet tghix hajja imgerfxa w irresponsabbli ghall-ahhar biex raw kif ghamlu w akkwistaw taht idejhom, Denis Pandolfino m’ mod temporanju w Anthony Pandolfino b’ mod fit-tul, tifel kull wiehed minn ghandha, biex umbaghad setghu jabbuzaw minnhom kif u x’ hin riedu. Dan ma kienx xi incident fugaci jew ta’ darba, imma “*system of conduct”* ta’ kull wiehed miz-zewg hatja ippjanat biex jissodisfa l-perversita’ taghhom rispettiva.**

**Ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli, 198, 201(a),203 (1) proviso (a) u ( c ) , 208 A(1), 17(b) 18, u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Denis Pandolfino ghall-piena karcerarja komplessiva ta’ ghaxar snin prigunerija, w lill-hati Anthony Pandolfino ghall-piena karcerarja ta’ ghaxar snin prigunerija, b’ dana li kull periodu li kull wiehed mill-hajta ghamel taht arrest preventiv, anki waqt li qed tinstema’ din il-kawza ghandu jigi mnaqqas miz-zmien tal-kundanna w inoltre tikkundanna lill-hatja jhallsu s-somma ta’ mija w seba’ w tletin lira Maltin u tminja w ghoxrin centezmu (LM137.28c) kull wiehed, rapprezentanti nofs (1/2) tal-ispejjez totali tal-perizji nkorsi f’ dan il-process fl-ammont ta’ mitejn u erba’ w sebghin lira Maltin u sitta w hamsin centezmu (LM274.56c).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------